# K U N S I L L   L O K A L I   K I R K O P

Il-Minuti tat-tnejn u għoxrin (22) laqgħa tas-sitt leġislatura tal-Kunsill Lokali Kirkop li saret nhar l-Erbgħa 24 ta' Frar, 2010 fil-ħamsa u nofs ta' wara nofs in-nhar (5.30pm) fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

*Preżenti għall-Laqgħa:* Mario Salerno Sindku
Joe Carbone Viċi Sindku
Stephen Mizzi Kunsillier
Rose Roberts Kunsilliera
Ranier Busuttil Segretarju Eżekuttiv

*Assenti:* Nadia Zammit Kunsillier

S-Sindku ppresedja l-laqgħa.

**1. Qari u Konsiderazzjonijiet tal-Minuti**

1.1. Is-Sindku staqsa fuq il-Minuti jekk inqrawx mil-Kunsilliera. Kulħadd qal li qrahom.

**2. Approvazzjoni tal-Minuti**

2.1. Il-Minuti tal-laqgħa 21 ġew approva mis-Sindku Mario Salerno u issekonda Stephen Mizzi

**3. Punti Mqajjma mill-Minuti**

3.1. Punt imqajjem kien li tajjeb li għar records ninkludu li bħala Kuntrattur tal-parks and gardens ġie maħtur is-CBC Landscaping. Dan il-kuntratt beda fis-seħħ nhar l-1 ta' Frar, 2010.

**4. Stqarrija tas-Sindku Mario Salerno**

4.1. Is-Sindku beda biex spjega s-sitwazzjoni fuq il-Wasteserv u qal li aħna bħalissa qegħdin narmu madwar 72 tunnellata fix-xahar u li sa l-aħħar ta' Marzu qegħdin ikkalkulati li qegħdin narmu 52 u qegħdin inħallsu fuq 52 tunnellata.Għalhekk minn l-1 t'April ser nibdew inħallsu wkoll għal-għoxrin tunnellata oħra ukoll.

Is-Sur Mizzi qal li sal-aħħar ta' Marzu irridu naraw kif ser nagħmlu bid-differenza tat-tunnellati sabiex ma nħallsux extra. Is-Sindku qabel miegħu u qal li irridu nenfasizzaw f'iktar edukazzjoni lir-residenti. Is-Sur Mizzi qal pero li l-aħjar ħaġa hi li nerġgħu nibdew inqabbdu l-wardens u konsegwentament inħarrku lin-nies.

Is-Sindku qal li dik mhiex l-aħjar soluzzjoni u qal li illum stess sab koċċ fliexken tal-plastik u qal li sabhom f'kaxxa tal-kartun u dan ħarġuhom flok it-Tlieta jew il-{imgħa. Minħabba dan is-Sindku qal li l-min ser jibda jagħmel żbalji u affarijiet bħal dawn ser jibda jħabbtilhom u

jiġbdilhom l-attenzjoni sabiex darboħra ma jerġgħux jagħmlu l-istess żball. Huwa ħeġġeġ lil Kunsilliera sħabu sabiex jibdew jagħmlu bħalu ħallí in-nies jedukaw ruħhom.

Is-Sinjura Rose Roberts qalet li hi ma taqbilx ma dan is-suġġeriment għaliex tistħi.

Is-Sur Mizzi jaqbel ukoll mas-Sinjura Roberts pero mhux għaliex jistħi imma għaliex in-nies jibqgħu xorta joħorġu l-iskart kif żbaljat u kif iridu.

Is-Sindku qal li l-aħjar ikollna bye-law u li jibbekkjana wkoll l-Onor. Chris Said sabiex ikollna iktar weight.

**5.1. Stqarrija tal-Viċi Sindku Joe Carbone**
5.1.1. Il-Viċi Sindku beda biex semma li x-xogħol fil-binja tal-Kunsill il-ġdid għaddej ġmielu. Inbeda l-kisi tal-ħitan t-isfel, u nbeda l-wiring tal-circuits. Hemm bżonn li tiġi ssetiljata min sejjer iqiegħed il-madum, kif ukoll li ngħidu lil Brian Theuma, biex jgħati l-kisja konkos fis-sala ta' fuq, kif ordna l-perit. Is-sur Carbone kompla biex staqsa jekk il-quotes tas-suffetti kienx ħareġ, għax nesa, biex meta jasal il-waqt li nixtru l-materjal, ma jinħeliex ħin u jinxtara mill-ewwel. Fl-istess ħin hemm bżonn li jinxtraw xi folji tal-gypsum, għaliex hemm xi kantunieri b'ħafna xtur, li jridu jingħalqu , biex jinksew max-xogħol tal-kisi. Il-viċi sindku staqsa jekk xi ħadd jafx, minn fejn insibu nixtru xi cover għal bir, għax mhux sewwa post bħal dak, u l-għatu tal-bir jiġIijidher faċċata tal-bieb, l-aktar wieħed li jintuża. Huwa issuġġerixxa, li jinxtara xi cover, li fl-għatu jieħu l-madum, biex jinkesa, biex kemm jista jkun ma tantx jidher fl-għajn.

Is-sur Carbone staqsa jekk fis-sala ta' fuq taqblux li jsir iz-zokklu fuq il-fil. dan kien suġġeriment tal-ħaddiema, li taw l-idea tagħhom. Staqsa wkoll, jekk il-ħajt ta' fuq, int u dieħel fis-sala, jistax jiġI miksi fuq il-fil ukoll, bħal isfel, biex il-quddiem issir l-arma ta' }al Kirkop. Isfel jissuġġerixxi li ssir irħama bl-ismijiet tas-sindki. Oħra kommemorattiva,metajiġi inawgurat il-Kunsill, filwaqt li fin-nofs isir il-kliem ta l-innu tar-Raħal, bħala dedika lil Raħal twelidna.

5.1.2. Is-sur Carbone imbagħad kompla biex semma, li għal aktar minn darba irraporta li fi triq l-Industrija, qabel ma tidħol lejn l-entratura tal-barracks tas-suldati, hemm żewġ toqob, jew aħjar il-bankina miksura, li fid-dlam li hemm, ma tidhirx u tista tikser xi sieq. Hemm ukoll trinka minn ma l-istess bankina sas-central strip, ( kienet saret biex għaddew id-dawl lil bozza ta ġos-central strip), li fiha t-tarmac maqlugħ. Charmaine għaddiet ir-rapport lil awtorita aktar minn darba. Il-viċi sindku staqsa jekk il-kunsill hux covered b'daqshekk, f'kas ta aċċident?

5.1.3. Is-sur carbone semmgħa li ġie avviċinat minn Nardu Falzon u anke Rose Roberts, biex jiġi rranġat id-dawl li hemm temporanju fil-kamra li bħalissa qiegħdin jużaw il-kenniesa. Dak ix-

xogħol nagħmluh, meta nsib moment daqsxejn ħafif, minn naħa l-oħra, pero jrid isir bil-pipijiet tal-ħadid, għax mhux skond il-liġi li tgħaddi d-dawl fl-arja, fil-plastik jew pvc sheeted biss. Jekk ittuni l-carry on naraw x'għandna bżonn u nagħmluh.

5.1.4. Il-viċi sindku semmgħa il-linji tat-toroq. Hemm ħafna kważi tħassru għal-kollox, speċjalment fejn hemm l-STOP sings. Irridu nieħdu ħsiebhom, qal il-viċI sindku.

5.1.5. Is-sur Carbone, qal li aktar minn sena ilu, kien semma il-bankina ta' quddiem ir-round about ta triq }al Safi. Xi ħadd kien qallu li kellha ssir meta jsir ix-xogħol tat-tarmac. XI ħadd ieħor kien semmgħa li kellhom jasgħmluha ta l-ADT. Sa llum il-bankina għadha kif kienet, bl-inkonvenjent ta min jużgħha. In-nies, speċjalment nisa ta' eta avanzata, għadhom sa llum isaqsuh fuqha. Qiegħdha tkun ta tbatija kemm għal kbar kif ukoll għal dawk li jifilħu, għax hija għolja kif ukoll dejqa. Is-sur Carbone qal li minn għada, meta jiġi avviċinat, se jibda jgħidilhom biex imorru l-kunsill u jistaqsu hemm, għax hu xeba jressaq dan l-ilment.

5.1.6. Il-viċI sindku għadda biex semma, li l-ħaddiema qalulu li ġew mitlubin biex meta jkunu jistgħu iwaħħlu xi barriers fejn jaraw l-ajruplani. Is-sur Carbone jissuġġerixxi, li meta għaddiet li jingħalaq bil-barriers dak il-post, faċċata kienet għadha mhix magħluqa u kien hemm parking adekwat. Issa jekk tingħalaq fil-preżent, l-ewwel ħaġa issir vendikazzjoni fuq il-barriers u t-tieni ħaġa tiġI qisha vendikazzjoni jekk tgħalaq il-ftit parking li fadal.

## 6. Approvazzjoni għall-ordnijiet ġodda

6.1. Is-Segretarju ippreżenta fuq il-mejda il-kwotazzjonijiet li rċevejna tal-madum, tal-bathrooms, tal-fattura tal-latrina, kif ukoll tat-trasport għall-proġett ESF Opportunities Close to Home.

Il-kwotazzjonijiet tat-trasport tal-proġett ESF inqraw u ġie deċiż li tingħażel l-irħas dik tal-Coop Services Ltd.

Bħala kwotazzjoni tal-madum u tal-bathrooms kellna erbgħa. Dawn il-kwotazzjonijiet ġew analizzati u morija is-samples u ġie deċiż li jingħażlu tas-Sur Robert Bondin Carter.

Għall-fattura tal-latrina irċevejna tlett kwotazzjonijiet u ġiet magħżula tas-Sur Robert Bondin Carter minħabba li hija l-irħas.

6.2. Rigward it-tender tas-servizz tal-attendent tal-latina wara li l-Kunsill kien għamel short listing tas-Sur Raymond Attard u s-Sur Mario Borg il-Kunsill qabel li tingħażel l-offerta tas-Sur Mario Borg minħabba li hija l-irħas.

6.3. Rigward l-aġġudikazzjoni tat-tender tat-toroq ġie maqbul li jingħażel f’ laqgħa straordinarja li ser issir il-ġimgħa d-dieħla.

Il-laqgħa ġiet sospiża għall-ġimgħa d-dieħla minħabba li daħal is-Sur Mario Camilleri u ser tiġi diskussa l-attivita ta’ l-Irkotta fest.

## 7. Awtorizzazjoni tal-pagamenti

Il-pagamenti għaddew kollha. Proponuti minn Mario Salerno s-Sekondat minn Joe Carbone.

## 8. Affarijiet oħra

8.1. Ma kienx hemm affarijiet oħra.

## 9. Konklużjoni

9.1. Il-laqgħa intemmet fis-7.30pm.

**Mario Salerno**
**Sindku**

**Ranier Busuttil**
**Segretarju Eżekuttiv**